# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar l-1 ta' Frar, 2002

**Numru 34**

**Avviz numru 955/01DM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentantrici tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alex Busuttil u l-istess Alex Busuttil**

**vs**

**Keith Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet li din il-Qorti tiddikjara:

1 Li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-15 ta' Marzu, 2000 gewwa Birkirkara meta kien qed isuq il-vettura Numru

DAF232, imhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru JAN472 proprjeta ta' l-attur, Alex Busuttil, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2 Li tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' elf, seba mija u disa u sittin lira Maltin u disa u sebghin centezmi (Lm1769.79) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, u dana in kwantu ghas-somma ta' elf sitt mija disa' u sittin liri maltin u disa' u sebghin centezmi (Lm1669.79) lis-socjeta' attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' mitt lira maltin (Lm100.00) lill-attur Alex Busuttil.

3

3 Li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult hmistax-il lira maltin (Lm15), ta' ittra ufficjali tas-23 ta' Ottubru 2000 u ta' ittra ufficjali ohraipprezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici, lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf, seba mija u disa u sittin lira u disa u sebghin centezmi

(Lm1769.79), in kwantu is-somma ta' elf sitt mija disa' u sittin lira u disa' u sebghin centezmi (Lm1669.79) lis-socjeta' attrici assikuratrici GasanMamo Insurance Agency Limited u s-somma ta' mitt lira (Lm100) lill-attur l-iehor Alex Busuttil u dana prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti billi huwa responsabbli unikament ghal kollizzjoni in kwistjoni.

Il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l'imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Novembru 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**A. Farrugia**

**Dep.Reg.**

va